**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 19 ta' Jannar 2021**

Rikors Numru: 332/20 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1027/2001)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti żżewġu ġewwa Malta fil-21 ta' Lulju 2001 u dana skont kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ. (Dok A).

2. Illi sussegwentement il-kontendenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt datat 11 t' Awwissu 2016 in atti tan-Nutar Joseph Debono (ara kuntratt ta' separazzjoni sentenza ta' separazzjoni dok B)

3. Illi ma teżisti ebda possibilita ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx pendenzi bejniethom li jirrigwardaw manteniment.

4. Illi l-esponenti tixtieq li tikseb id-divorzju mill-intimat u għalhekk inbdew dawn il-proċeduri.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti w dana ai termini tal-artikolu 66A et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta w tagħti dawk il-provedimenti kollha opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Ottubru 2020;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proċeduri u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Awwissu, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.